KUNSILL LOKALI TA' XBIEX

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 10

It-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, fit-3.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Max Zammit, il-Vici Sindku Sarah Borg u l-Kunsillieri Louise Cachia Castelletti, Gino Muscat u Ronald Portelli.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

Ta' Xbiex Local Council, 18A, Triq l-Imradd, Ta' Xbiex, MALTA, EUROPE
Tel:00356 21338844 Fax: 00356 21338877 email: taxbiex.lc@gov.mt

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 09 li saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Lulju, 2025, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 Ma kienx hemm hwejjeg li jirrizultaw mill-Minuti.

4 UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2023

4.1 Tressqu quddiem il-Kunsill l-Unaudited Financial statements ghas-sena 2023 (Appendici A). L-Agent Segretarju Ezekuttiv ta spjega ta' dawn il-Financial Statements u qal li ghalkemm il-Profit and Loss qed juri bilanċ negattiv, il-Working Capital sal-ahhar ta' Dicembru 2023 huwa pożittiv. Is-Sindku qal li s-sitwazzjoni finanzjarja hija wahda stabbli anki minhabba t-tfaddil li kien hemm fi snin preċedenti. Huwa qal ukoll li l-Agent Segretarju Ezekuttiv kien ġibed l-attenzjoni dwar l-ammont ta' deferred income li kien gej minn diversi skemi passati u li l-Kunsill ghandu jkompli jsegwi. Huwa rringrazzja lill-Agent Segretarju li bl-assistenza ta' Anna gew konklużi dawn il-financial statements. Huwa qal ukoll li kienet saret laqgha ma' Yasmine, li kienet Segretarju Ezekuttiv sal-2023, li ghaddiet informazzjoni li kienet utli ghal dan ir-rapport. Wara diskussjoni li saret dwarhom, b'mod unanimu gew approvati dawn l-Unaudited Financial Statements.

5 KORRISPONDENZA

5.1 Il-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq informa lill-Kunsill li l-proposta sabiex triq tissemma ghal Triq it-Torri ma kenitx giet aċċettata minhabba li l-kelma 'torri' hija aktar abbinata ma binja storika milli ma' highrise building.

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill ippropona li l-isem ikun Triq it-Torrijiet. L-idea hija li billi fiz-zona hemm permess ghal torri iehor barra dak esistenti u z-zona saret meqjusa bhala business district, il-Kunsill fuq qbil unanimu qed jipproponi dan l-isem. Il-mod kif gie mibdul l-isem originali ghat-talba ezistenti, il-Kunsill ihoss li mhux qed jirreferi ghal torri wiehed partikolari, izda ghall-business district li huwa socjalment accettat fil-komunita` ta' Ta' Xbiex. Barra minhekk, prezentament f'dik it-triq ma joqghod hadd u din il-bidla fl-isem m'hi se taffetwa lil hadd. Li kien ghal Kunsill, kien jibqa' kollox kif inhu.

6 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

6.1 Progett tal-Galleriji: Is-Sindku ppropona li jekk ir-railing ma jsirx mill-GHRC bhala parti mill-progett taghhom, dawn isiru mill-iskema li kien diġà applika ghaliha l-Kunsill u li kienet accetata. Il-Kunsillier Muscat fakkar kif hemm sidien ta' proprjetajiet li qed jghidu li hemm huwa taghhom, u kienu qalu li lesti jifthu kawża jekk il-Kunsill ikompli ghaddej bil-progett. Anki l-Perit tal-Kunsill kien issuġġerixxa li l-permess jiġi rtirat temporanjament. Issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jara mal-Lands jekk ir-rampa hix tal-Gvern jew tal-Privat.

6.2 Bzonn ta' xufier: Is-Sindku qal li hemm bzonn xufier biex isuq il-van tal-Kunsill u l-Kunsill qed jistenna li tiġi identifikata persuna biex taghmel dan ix-xoghol.

6.3 Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill: Is-Sindku u l-Kunsilliera kollha tal-Kunsill Lokali irringrazzjaw lill-Agent Segretarju Ezekuttiv Simon Cauchi tas-servizz tieghu lill-Kunsill Lokali Ta' Xbiex tul dawn l-ahhar xhur. Anki bil-hin limitat, wassal biex saru l-Financial Statements tas-sena 2023. Is-Sur Cauchi irringrazzja lil kulhadd tal-koperazzjoni li sab u qal li hu se jibqa' disponibbli ghal kull ghajnuna li jista' jkollu l-Kunsill.

Immedjatament ser ikun qed jibda f'din il-kariga mal-Kunsill Lokali Ta' Xbiex, is-Sur Simeon Nechev.

7 MISTOQSIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru..

8 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

8.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 108. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

109

9. TMIEM

9.1 Fl-4.30pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Agent Segretarju Ezekuttiv

Simeon Nechev
Agent Segretarju Ezekuttiv.

Konfermati:

Max Zammit
Sindku